

INT x'tista' tagħmel biex tagħmel differenza?

Kulħadd jista' jkun parti mill-moviment favur is-sajd responsabbli. Il-konsumaturi, speċjalment, għandhom il-poter tax-xiri biex jagħtu sura lill-industrija u jappoġġjaw il-bidla. Flimkien, nistgħu niżguraw li nħallu wirt li nkunu kburin bih għal uliedna u ulied uliedna – ibħra mimlija attività u ħajja.



© Getty Images

JEKK TRID

TAPPOĠĠJA S-SAJD SOSTENIBBLI, IKKUNSIDRA L-PARIR LI ĠEJ META TKUN OED TIXTRI L-ĦUT:

SKOPRI AKTAR DWAR IL-ĦUT LI TIXTRI

Minn fejn jiġi l-ħut? L-istokkijiet tal-ħut huma fil-periklu jew jeżistu f'abbondanza? Huwa tad-daqs tajjeb?

SKOPRI TOGĦMIET ĠODDA

Inti dejjem tixtri l-istess tip ta' ħut? Id-domanda għolja għal ċertu speċi ta' ħut u frott tal-baħar tista' twassal għal sajd żejjed. Għall-kuntrarju, ħafna speċi anqas magħrufa huma disponibbli f'abbondanza. Ħares lil hinn mill-prodott tas-soltu u pprova xi ħaġa ġdida. Il-bejjiegħ tal-ħut tiegħek għandu jkun jista' jiggwidak dwar kif tippreparah.



© iStockphoto

KOMPLI KUL IL-ĦUT

Il-ħut u l-frott tal-baħar huma riżorsi rinno-vabbli jekk jiġu ġestiti b'attenzjoni. It-tnejn huma sors eċċellenti ta' nutrizzjoni, rikki fil-vitami u l-minerali u sors kbir ta' aċidi xaħmija tal-omega-3. Jekk tiekol il-ħut inti tgħin tiproteġi lilek innifsek kontra firxa ta' mard, mill-kanċer għall-mard tal-qalb, u mid-depressjoni għall-artrite.

IXTRI FROTT TAL-BAĦAR MAQBUD B'MOD SOSTENIBBLI

Staqs lill-bejjiegħ tal-ħut, lil tal-ħanut tal-bejgħ bl-imnut jew lil tar-restorant dwar il-ħut li jbiegħu, jew fittex dwaru fi gwida dwar il-frott tal-baħar. Ħafa organizzazzjo-nijiet jipproduċu gwidi għal pajjiżi differenti fl-UE, li jelenkaw prodotti tal-frott tal-baħar rakkomandati disponibbli fis-supermarkits.

APPOĠĠJA S-SAJD RESPONSABBILI

Ix-xiri ta' ikel tal-baħar sostenibbli jappoġġja lil dawk is-sajjieda li jieħdu ħsieb l-ambjent u jixtiequ jħarsu r-riżorsi għall-futur.

FAQ

KEMM HIJA SERJA DIN IL-PROBLEMA?

Serja ħafna. B'mod ġenerali, isir sajd żejjed fuq 3 minn kull 4 stokkijiet, 82% tal-istokkijiet tal-Mediterran u 63% tal-istokkijiet tal-Atlantiku.

X'INHU S-SAJD SOSTENIBBLI?

Is-sajd huma sostenibbli meta ma jipperikolax il-kapaċità riproduttiva naturali tal-istokkijiet tal-ħut. L-ikel tal-baħar huwa riżors li jgħedded. Jeħtieġ biss li jitmexxa kif suppost.

X'INHU L-ISKART?

L-iskart huwa ħut mhux mixtieq u kreaturi oħra li jinqabdu fix-xbieki tas-sajd u jintefgħu lura fil-baħar mid-dgħajjes. Normalment mejta jew imweġġa, l-iskart huwa ħela tal-ħajja tal-baħar.

META GĦANDHOM JIBDEW ISEĦĦU L-BIDLIT?

Ir-regoli ġodda huwa previst li jidħlu fis-seħħ, malli l-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE u l-Parlament Ewropew ikunu vvutaw fuq il-proposti. L-implimentazzjoni se tkun progressiva, biex tagħti lis-settur iż-żmien biex jadatta u jagħti r-riżultati meħtieġa. Madankollu r-riforma tistabbilixxi dati ta' skadenza ċari.

X'INHI L-AKKWAKULTURA?

L-akkwakultura hija t-trobbija ta' ħut u frott tal-baħar fil-baħar jew fl-ilma frisk.

X'NISTA' NAGĦMEL BIEX NAPPOĠĠJA S-SAJD SOSTENIBBLI?

Staqs lill-bejjiegħ tal-ħut tiegħek dwar minn fejn ġie l-ħut, u skopri dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut fil-gwidi dwar il-frott tal-baħar. Agħżel varjeta ta' speċi ta' ħut differenti u frott tal-baħar li hu garantit li jiġi minn sors ġestit sew.

GĦANDI NIEKOL ANQAS ĦUT?

Le, iżda forsi tajjeb li tvarja t-tipi ta' ħut li tiekol. Skopri togħmiet u riċetti ġodda. Inti se tiskopri li l-ħut kollu huwa tajjeb u faċli ssajru.

SIR AF AKTAR

Għal aktar tagħrif dwar il-kampanja għall-bidla fis-sajd fl-UE, żur is-sit "L-Għażla tal-Ħut Tiegħek"

www.lghazlatalhuttieghek.eu

KL-31-11-191-MT-C



Int kif tagħmel l-għażla tiegħek?

IXTRI B'MOD GĦAQLI: AGĦŻEL ĦUT SOSTENIBBLI U B'HEKK TKUN TISTA' TGAWDIH GĦAL ŻMIEN TWIL.



KUMMISSJONI EWROPEA



Viżjoni ġdida għall-ibħra tal-Ewropa

Ma nistgħux nibqgħu ninjoraw l-evidenza: bħala konsegwenza diretta tas-sajd żejjed, hawn inqas u inqas ħut fil-baħar. Is-sajjieda qed itellgħu frazzjoni ta' dak li kienu kapaċi jaqbd u 20 sena ilu, u l-istokkijiet qed jonqsu sena wara sena. Fil-fatt, ċerti speċi ma jistgħux jirriproduċu malajr biżżejjed biex iżommu l-istess ammont ta' ħut: 93% tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana jinqabad qabel ikun seta' jirriproduċi.

Huwa evidenti li l-isforzi tal-passat biex tiġi indirizzata l-problema m'għamlux wisq progress. Illum, f'rifirma ewlenija tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet approċċ ġdid radikali għall-mod kif nistadu. Taħt il-pjanijiet il-ġodda, is-sajd se jkun immexxi b'mod aktar sostenibbli biex il-popolazzjonijiet tal-ħut ikunu jistgħu jirkupraw. Dan ifisser li tiġi rrispettata l-kapaċità ta' speċi differenti li jirriproduċu u li jiġu llimitati l-attivitatijiet tas-sajd f'ċerti żoni.



© Lionel Flagou



© Getty Images

Fl-istess ħin, il-ħela tar-riżorsi tal-ikel u t-telf ekonomiku li jirriżulta mir-rimi lura fil-baħar ta' ħut mhux mixtieq, prattika magħrufa bħala "rimi lura", se tiġi pprojbita. Is-sajjieda se jkunu obbligati jtellgħu l-ħut kollu li jaqbd u.

Barra minn hekk, is-settur tal-akkwakultura se jiġi żviluppat biex tiżdied il-produzzjoni tal-ikel tal-baħar u biex jiġu pprovduti opportunitajiet ġodda għall-industrija tas-sajd.

Bħala konsumaturi, kollha kemm aħna nistgħu nikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan l-approċċ ġdid billi nagħmlu għażliet infurmati dwar il-ħut li nixtru. Ir-rifirma se tgħin ukoll billi tipprovd i informazzjoni aħjar dwar il-prodotti tal-baħar sabiex inkunu nistgħu nagħżlu ħut li jkun inkiseb b'mod sostenibbli.

L-IBĦRA HUMA R-RIŻORS KOMUNI TAGĦNA. BILLI NIEĦDU AZZJONI FLIMKIEN, NISTGĦU NĦARSUHMOM GĦALL-FUTUR.

Niprovdu futur lill-ħut u lis-sajjieda

Il-bidla fil-mod kif nistadu se ġġib magħha benefiċċji fit-tul għall-konsumaturi, is-sajjieda kif ukoll għall-ambjent.

It-tmiem tas-sajd żejjed se jippermetti l-popolazzjonijiet tal-ħut sabiex jerġgħu jinbnew u jiżdiedu. Maż-żmien, is-sajjieda se jkunu qed jaqbd u ħut aktar matur u akbar. L-industrija se terġa' lura għall-prosperità, u toffri opportunitajiet ta' xogħol attraenti liż-żgħażaġh fil-komunitajiet ta' mal-kosta. Dawk impjegati fis-settur se jkunu involuti aktar mill-qrib fit-tehd tad-deċiżjonijiet, u se jkunu jiddependu inqas fuq is-sussidji pubbliċi.



© Getty Images

Il-Politika Komuni tas-Sajd riformata se tiffoka fuq riżultati fit-tul. Se jittieħdu aktar deċiżjonijiet mill-industrija tas-sajd innifisha, li se tingħata l-poter biex tmexxi r-riżorsi b'mod sostenibbli. Se jkun hemm inċentivi finanzjarji għal dawk li jistadu b'mod responsabbli, u pieni għal dawk li ma jagħmlux dan. Monitoraġġ u infurzar aktar effettivi se jgħinu sabiex terġa' tinbena r-reputazzjoni tajba tas-settur.



© Getty Images

Settur tal-akkwakultura aktar b'saħħtu se jżid il-provvista tal-ikel tal-Ewropa u jnaqqas id-dipendenza fuq l-ikel tal-baħar importat. Il-ħiliet il-ġodda u l-innovazzjoni teknoloġika se jippermettu lis-settur sabiex jipprograssa u jagħmel l-Ewropa attur prinċipali fl-industrija globali.

Dawk minna li jixtru u jieklu l-ħut se jkunu jistgħu jagħmlu dan b'kunfidenza, fl-għarfien li l-ikel tal-baħar tagħna ġej minn sajd amministrat tajjeb. Aħna se jkollna l-opportunità li nagħżlu ikel ta' kwalità għolja, prodott lokament, grazzi għal tikkettar aktar ċar fuq l-ikel b'informazzjoni kompluta dwar l-orijini tal-prodott.

Mill-baħar għaċ-ċena – il-konsumatur jgħodd

Numru ta' bejjieġha bl-imnut u sidien ta' ristoranti diġà hađu passi sabiex jiksbu ikel tal-baħar sostenibbli għall-konsumaturi tagħhom.

"Is-settur tal-kummerċ huwa ddeterminat li jkollu rwol attiv li jgħin fil-kisba ta' provvista ta' ħut sostenibbli u amministrata tajjeb, li, min-naħa l-oħra, għandu jippermetti lill-bejjieġha bl-imnut li jissodisfaw id-domanda dejjem tikber min-naħa tal-konsumatur għal ħut u akkwakultura b'saħħithom u favur l-ambjent."

Xavier Durieu, Segretarju Ġenerali ta' EuroCommerce

"Irridu nipreservaw l-istokkijiet tal-ħut fil-baħar għal uliedna. Il-bidliet biex is-sajd isir sostenibbli se jkunu l-uniku mod sabiex l-industrija tkun tista' tkampa. Minn meta bdejna nqassmu l-fuljetti, ħafna mill-konsumaturi tagħna bdew jippruvaw speċi differenti ta' ħut."

Scott McMaster, The Chip Box fish and chip shop, Stewarton, l-Iskozja
Rebbieh tal-"Good Catch Prize" 2010 mogħti mis-Soċjetà tal-Konservazzjoni Marina (Marine Conservation Society)



© Getty Images



© Getty Images

"Tmienja u tmenin fil-mija tal-persuni li wiegħbu għall-istħarriġ tagħna qalu li huwa importanti li l-prodotti tal-ħut għall-bejgħ fl-Unjoni Ewropea jkunu ġejjin minn stokkijiet li ma jinstadux iż-żejjed. Bħala r-raba' l-aktar produttur tal-prodotti tal-ħut u tal-akkwakultura, l-Unjoni Ewropea għandha ddawwar it-tendenza tas-sajd żejjed u tieħu rwol mexxej bl-eżempju tagħha."

Louise Hill, WWF